# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 155/2013MH**

**Illum, 23 t' Ottubru, 2017**

**Ian Grech (KI 336074M)**

**vs**

**Joseph Zammit (KI 313855M) u Montaldo Insurance Agency Limited bhala Agent tas-Socjeta' Estera AIG Europe Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-attur li gie prezentat fil-15 ta' Frar 2013 u li permezz tieghu espona:

*"1. Illi fil-21 ta' Dicembru 2007, ghal habta tal-hdax nieqes ghaxra ta' filghaxija [10:50pm], fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal Luqa, sehh incident awtomobilistiku meta waqt li l-intimat Joseph Zammit kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH 045, habat mal-mutur bin-numru ta' registrazzjoni GVP 379, appartjenenti lill-Kummissarju tal-Pulizija, u misjuq mill-esponenti* ***[Dok. IG1];***

*2. Illi konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponent korra gravament, tant li gie certifikat li qedissofri minn debilita' permanenti fir-rata ta' tmienja fil-mija [8%] mill-konsulent ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel [**Dok IG2]**;*

*3. Ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-intimat Joseph Zammit minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;*

*4. Illi, sussegwentement ghall-incident de quo, gew istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tal-intimat Joseph Zammit mill-Pulizija Ezekuttiva fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema proceduri ghadhom sub judice;*

*5. Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponent garrab danni emergent [damnum emergens], li kienu jinkludu spejjez ta' tobba, specjalisti u telf iehor li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghal dak li jirrigwarda d-danni materjali subiti fil-mutur misjuq mill-esponenti, is-socjeta' intimata Montaldo Insurance Agency Limited noe diga' ndennizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija ghad-danni minnu subiti;*

*6. Inoltre, bhala konsegwenza tal-fuq imsemmi incident, l-esponent garrab ukoll lucrum cesans kagun tal-fatt li, bhala effett dirett tal-incident, l-istess esponent sofra debilita' permanenti riskontrata u accertata;*

*7. Illi l-intimati kienu interpellati permezz ta' ittra interpellatorja datata 15 ta' Jannar 2008 kif ukoll tlett (3) ittri ufficjali tas-27 ta' Novembru 2008, tal-20 ta' Lulju 2010 u tat-3 ta' Frar 2012, sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni tal-esponent;*

*8. Illi s-socjeta' intimata Montaldo Insurance agency Limited noe, fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH 045,*

*accettat li, minghajr pregudizzju, titratta mal-avukat tal-esponent dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni favur l-istess esponent;*

*9. Illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-konsulenti legal ital-esponent u tas-socjeta' intimata Montaldo Insurance Agency Limited noe u sahansitra, da part ital-istess esponent, saret claim dettaljata kif kien rikjest mill-istess Montaldo Insurance Agency Limited noe, kif ukoll konsenja ta' diversi dokumenti in sostenn tal-pretensjoni tal-esponent;*

*10. Izda, cio' nonostante, ma ntlahaqx ftehim bejn l-esponent u s-socjeta' intimata Montaldo Insurance Agency Limited noe.*

*Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn ir-rikorrent qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lill-intimat Joseph Zammit unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab ir-rikorrent;*
2. *Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti, occorendo bl-opra ta' periti nominandi;*
3. *Tikkundanna lill-intimat Joseph Zammit u lis-socjeta' intimata Montaldo Insurance Agency Limited noe fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH 045, liema vettura kienet qed tinstaq mill-istess intimat Joseph Zammit, sabiex ihallsu solidament bejniethom lir-rikorrent dawk l-ammonti li jigu dikjarati bhala dovuti minnhom lir-rikorrent in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 15 ta' Jannar 2008 kif ukoll tal-ittri ufficjali tas-27 ta' Novembru 2008, tal-20 ta' Lulju 2010 u tat-3 ta' Frar 2012, u bl-imghax legali kontra l-istess intimati, li huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Zammit prezentata fid-19 ta' April 2013 u li permezz taghha espona:

*"1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponent ma kien involut fl-ebda incident mar-rikorrent. Ghalhekk kwalunkwe incident li seta kien involut fih ir-rikorrent zgur ma setax sehh tort ta' l-intimat u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-attur ma sofra l-ebda danni;*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Montaldo Insurance Agency Limited (C1052) bhala agent tas-socjeta' estera AIG Europe Limited prezentata fil-25 ta' April 2013 u li permezz taghha esponiet:

*"1. Illi, preliminarjament, kwalunkwe pagament maghmul mis-socjeta' esponenti fir-rigward ta' tali incident isir a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-polza relattiva u kwindi b' rizerva ghad-drittijiet kollha koncessi lis-socjeta' esponenti qua socjeta' assikuratrici kemm skond il-ligiu kif ukoll skond il-polza fil-konfront tal-assikurat taghha u/jew tas-sewwieq tal-istess vettura, b' mod partikolari jekk jirrizulta li kien hemm da part ital-assikurat u/jew tas-sewwieq surreferiti ksur tal-ligi u/jew tal-kundizzjonijiet tal-polza relattiva.*

*2. Illi, in kwantu t-talbiet attrici li jirrigwardjaw danni fuq il-persuna tal-attur, l-istess attur ghandu jaghti prova illi effettivament sofra tali danni raklamati minnha, inkluzi danni konsistenti f' dizabilita' permanenti fuq persuntu, u wkoll provi dwar l-ammont li skond hi ghandu jigi likwidat favurih. F' dan ir-rigward jinghad minn issa li, skont stharrig maghmul minn espert mediku fuq*

*struzzjonijiet tas-socjeta' esponenti, kwalunkwe debilita' permanenti sofferta mill-attur bhala konsegwenza tal-incident 'de quo' hija ferm inqas minn dik allegata mill-istess attur.*

*3. Illi m' hemm ebda danni ulterjuri x' jigu likwidati favur l-attrici.*

*4. Illi, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.*

*5. Illi korrispondenza mal-attur saret interament minghajr pregudizzju.*

*6. Illi l-eccezzjonijiet kollha qed jitressqu minghajr ebda pregudizzju ghal xulxin.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kawza, x-xhieda kollha u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat ukoll in-nomina ta' din il-Qorti[1] ta' Mr. Massimo Vella[2]

Ikkonsidrat

Illi din hija kawza li titratta ta' incident awtomobilistiku u l-konsegwenti danni naxxenti minnu. Ghalhekk kif inhi prassi f'tali vertenzi l-kwistjoni ddur ma zewg binarji; ir-responsabilta' ta' l-incident u l-likwidazzjoni tad-danni naxxenti.

**Responsabilta'**

L-attur **Ian Grech** xehed kemm permess ta' affidavit[3] kif ukoll *viva voce*[4]. Spjega illi fid-data indikata fir-rikors guramentat, versu il-hdax nieqes ghaxra

[1] Diversament preseduta
[2] Fol. 24
[3] Fol. 27
[4] Fol. 87

ta’ fil-ghaxija waqt li ken qieghed isuq mutur tas-servizz u kien fuq xoghol (patrol – l-attur kien kunsitabbli tal-pulizija) waqt li kien gej mid-direzzjoni ta’ l-*airport* lejn triq Garibaldi kien involut f’incident stradali waqt li kien qed idur mar-*roundabou*t. Spjega li kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq ghax ried jmur ghal go Triq Garibaldi. Ighid ukoll li stante li kien qieghed mar-*roundabout* hu kien qed isuq bi speed baxx.

Dwar l-incident ighid *“Kif wassalt f’nofs ir-roundabout, rajt vann hiereg minn Hal Luqa u cioe’ minn naha tax-xellug tieghi. Dak iz-zmien kien hemm sinjal ta’ l-istop minn fejn hareg il-vann. Izda, ghalkemm kien hemm dan is-sinjal, il-vann baqa hiereg minghajr ma waqaf, Meta hareg mit-triq laterali, jien kont wassalt bi dritt il-fetha. Ghalhekk kien hemm ftit li stajt naghmel, sabiex nevita l-impatt. Jiena pruvajt nikser lejn il-lemin izda kien kollu ghalxejn ghax laqatni fuq genb tan-naha tax-xellug tal-mutur. Konsegwenza t’hekk, laqatli ukoll sieqi ix-xellugija. Il-vann laqatni genb tan-naha ta’ lemin lejn in-naha ta’ wara u baqa jkaxkarni tul il-genb kollu tieghu sal mill-bidu tar-rounabout.”*[5]

Xehed li konsegwenza tad-daqqa, inqaleb fuq il-lemin tieghu u baqa jitkaxkar ma l-art. Jghid li kif kien hekk ma’ l-art hares lejn il-vann li baqa sejjer fid-direzzjoni ta’ l-ajruport, qal li l-vettura baqa hekk sejjer u li hu beda jsejjahlu biex jigbidlu l-attenzjoni ghal dak li kien ghadu kif okkorra. Ighid li ra lil vann waqaf ftit ‘il boghod mir-roundabout fi Triq l-Avjazzjoni. Ighid li kien hawn lis-sewwieq hareg mill-vettura u l-midrub qallu biex jieqaf pero dan minflokk dahal fil-vann u baqa sejjer. Qal li ngabru ukoll in-nies li anke hadu n-numru tal-vann u tawh lil pulizija li wasslu fuq il-post.

Zid “*Niftakar li l-vann in kwistjoni kien tal-marka isuzu ta’ lwen abjad. Jiena stajt nara li s-sewwieq kien ragel qsajjar*.”[6]

[5] Fil.27 Dok IGG.
[6] Ibid.

Zid ukoll li fuq il-gakketta ta' l-uniformi sahansitra kellu il-marka tat-*tyre* tal-vann.

Anke il-konvenut **Joseph Zammit** beda biex ta' x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit.[7]

Qal li hu spicca xoghol fis-7 ta' fil-ghaxija u bhal dejjem mar id-dar inhasel u sema l-ahbarijiet tat-8. Bil-vann tieghu ta' kulur abjad mar lejn Bugibba biex jitawwal ir-*restaurant* li hu kellu hemm mar-ragel ta' ohtu. Ighid li darba hemm xeghel l-*freezers* ghal madwar kwarta u iccekkja li kollox kien sew. Wara nizel lura lejn id-dar .. *"l-istess haga ghamilt dakinhar fejn xhin qisu lestejt inzilt lura lejn Hal-Safi."*[8]

**Senjatament jghid li hu wasal id-dar ghal habta tal-hdax ta' fil-ghaxija.**

Zid li dahhal il-vann fil-garaxx u li minhabba il-kesha meta wasal id-dar ha anke tazza *whiskey* kif kien imdorri jaghmel.

Qal li ghal habta ta' nofs il-lejl u ghoxrin marru ghandu l-pulizija. Innega maghhom li kien tghajjar lil xi hadd u argumenta li kieku hekk zgur li kien jieqaf. Talbuh jaraw il-vann misjuq minnu. Jghid li huma hassew il-bonnet li kien ghadu shun. Ukoll li ghax wiehed minnhom xammlu riha ta' *whiskey* ghamlulu l- *breathalizer test*. Qal ukoll li minhabba li kien informa lil pulizija bil-whisky li kien ikkonsma meta wasal id-dar kien wiehed minnhom stess li hareg il-vann mill-garaxx u hemm gie konstat li l-istess vettura kellha ghafsa u zewg barxiet. Ighid li anke qal lil pulizija li qatt ma kien ra din il-hsara qabel.

Ammetta li parti minn triqtu lura lejn id-dar ghadda minn hdejn ir-*roundabout* ta' Hal Luqa direzzjoni ta' l-ajruport, minn hemm baqa sejjer lejn Hal Safi.

---

[7] Fol.165
[8] Ibid.

Innega li hu kien hareg min fuq l-*istop sign*, ghaliex ighid li hu qatt ma dahal go Hal Luqa minn fejn allegatament suppost hareg qabel l-incident. Zid li triqtu kienet min-naha ta' l-airport il-qadim fejn x'hin wasal mar-*roundbout* ha it-tielet *exit* direzzjoni lejn l-ajruport.

Dwar l-incident ighid testwalment hekk f'affidavit *"Nixtieq nghid li waqt li kont qed insuq fl-ebda hin ma hassejt lil xi hadd jahbat mieghi jew rajt xi muturi warajha u kieku hassejt lil xi hadd jahbat mieghi kont zgur li kont nieqaf. Irrid nghid ukoll illi l-ghafsa u z-zewg girfiet illi sabuli fuq il-van ....murija fir-ritratti ...mmarkati bhala Dok.A., zgur li mhumiex kompatibbli ma habta ma mutur bl-impatt li qed jallega Ian Grech. Nghid li kieku tajjart lil xi hadd nahseb li kont intih daqqa bin-naha ta' quddiem u apparti hekk ma jistax ikun illi jien tajjar bniedem u mutur daqshekk kbir u ma nindunax. Ghalkemm anke kif ghidt lil pulizija dak il-hin stess meta gew fil-garaxx jaraw il-vann li sa fejn naf jien dawn il-girfiet ul-ghafsa ma kienux hemm, setghu gew waqt li kont ipparkjat Bugibba."*[9]

Qal ukoll li minhabba r-rizultat posittiv tal-*breathalizer* gie mehud mill-pulizija id-depot fejn sarlu test iehor appositu.

In kontro-ezami innega li dak in-nhar ta' l-incident kien ghadda minn Hal Luqa pero' ikkonferma li kien saq fit-triq ta' l-ajruport l-qadim. Gie suggerit lilu li din it-triq kienet iggib l-isem Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, ghalkemm ma kkonfermax dan ikkonferma li kien ghadda minn fejn kien hemm ir-*roundabout* li taghti ghall- ajruport. Ikkonferma ukoll li dan kien versu l-hdax nieqes kwart ta' bil-lejl. Qal ukoll li traffiku fit-triq ma rax. Qal ukoll li minhabba n-nida kien qed isuq bit-tlettin / erbghin kilometru fis-siegha. Zid li sakemm gew il-pulizija hu kien xorob biss tazza *whisky* wahda mid-dar tieghu. Innega li xorob gewwa

[9] Fol.167.

Bugibba nonostante r-rizultati gholja tal-*breathalizer* test esebiti.[10] Mistoqsi fuq dak li hemm imnizzel fir-rapport PIRS[11] tal-pulizija gia esebit minn PS. 353 Antoine Sacco[12] u dak li xehed l-istess surgent, cioe li l-konvenut kien qallhom li kien xorob il-*whisky* minn Bugibba, innega li qatt qal dan u baqa' nsistenti illi kien biss xorob darba li wasal id-dar u li kien hekk li kien qal lil pulizija. Nonostante li ammetta li hu kellu f'idu rapport tal-pulizija imsemmi, qabel li qatt ma kien ikkontesta maghhom dan il-fatt; ta' dan ta r-raguni li kellu s-serhan tal-mohh li kien se jixhed  il-versjoni korretta l-Qorti, ukoll li kien gie mgharraf li kien reat li jirrifjuta li jaghmel il-*breathalizer test.*

B'referenza ghar-ritratti minnu mehuda tal-hsarat fil-vann tieghu, Dok JZ1 u JZ2[13] baqa kontestanti ta' dak konstatat mill-pulizija li l-vann tieghu kien misjub b'daqqiet anke fuq il-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin barra dawk fuq il-*mudguard* tieghu.

Ikkonferma li hu kien qal lil pulizija li ma kien habat ma hadd ukoll li kien ghamel *claim* ma l-*insurance* tieghu li kienet  isoddisfat l-istess fil-konfront tal-mutur tal-pulizija.

Da parti taghha oht il-konvenut **Marija Zammit** fl-affidavit taghha[14] ikkonfermat il-versjoni ta' huha li hu darba li wasal d-dar qabel ma dahal jorqod kien ha tazza *whisky* bil-mishun, kif kien jaghmel ta' spiss, ukoll li ftit ta' hin wara kienu waslu ghandhom l-pulizija.

Gew prodotti ukoll mill-attur xhieda ta' terzi li raw jew assistew f'dan l-incident in ezami.

[10] Dok. AM1 Fol. 82 u fol 85 u 86..
[11] Fol. 59
[12] Fol. 53
[13] Fol.. 190
[14] fol.168

**Andrew Cilia**[15] da parti tieghu jirrakonta li ghalih l-ewwel ra ghadej mutur tat-traffic, *"..imbaghad hareg vann. Dan il-vann hareg minn naha ta' Hal Luqa. hareg minn Hal Luqa sejjer fid-direzzjoni tal-airport. Il-vann kien car, ghandikun kellu xi kaxxa fuq wara, makienx vann maghluq. Kif hareg il-vann, tat-traffic dar mieghu u spicca jitkaxxkar ma l-art. Meta hareg il-vann jien kont ghadni ma wasaltx f'dak il-punt. Kont fil-boghod pero rajtu l-incident."*[16].

Ikkonferma li ghalkemm tal-vann waqaf pero' ma kelmux; kien qed jaghti assistenza lil pulizija li kien issa ma l-art.

In kontro-ezami ikkonferma li ra lil vann hiereg minn Hal Luqa, ra il-vann jimpatta mal-mutur. Pero ma rax in-numru ta' registrazzjoni tieghu.

**Patrick Fenech** ighid li hu kien hiereg minn Hal luqa u qabad ir-*roundabout* sejjer id-direzzjoni ta' l-ajruport. Jghid li t-traffiku kien kwiet, li kien tard. Ra lil mutur u l-vann, *pick up* minn ghalih, hdejn xulxin, ra l-mutur u allura l-pulizija mixhut ma l-art. Ra lil pulizija jitkaxkar ma l-art. Jghid ukoll illi kien hu li kien ta n-numru tar-registrazzjoni tal-vann lil pulizija, ghalkemm ma setax jiftakkru waqt li kien qed jideponi. Qal ukoll li hu ma kien jaf lil hadd mill-partijiet involuti.

**P.S. 353 Antoine Sacco** da parti tieghu investiga l-incident in ezami, ikkonferma li fuq il-post kien hemm terz, Patrick Fenech, li tah in-numru ta' registrazzjoni tal-vann involut. Sab il-mutur ma l-art mar-*roundabout* ihares lejn triq l-Avjazzjoni, lejn l-ajruport. Zid li hu mar d-dar tal-konvenut, ordnalu jara

[15] Fol.106
[16] Fol. 106

l-vettura, innota li fuqha fuq in-naha tal-lemin *from centre to rear* [17] kellha brix mal-vann. Zied dan ix-xhud li mieghu l-konvenut ikkonferma li kien gej lura minn Bugibba fejn kien mar jitawwal ir-*restaurant* tal-familja wkoll illi hemmhekk kien xorob xi *whisky*.

Ikkonferma li anke hadulu kampjun iehor gewwa id-Depot mill-Ispettur Antonovich Muscat. Zid illi kien l-istess konvenut minn jeddu li kien qallu dwar il-konsum tal-*whisky* fir-*restaurant.* Prezenta d-dokument AS li kien ir-rapport PIRS minnu redatt[18]. L-istess jghid fl-affidavit tieghu esebit.[19]

**PC 1276 Frankie Zerafa** xehed[20] ikkonferma li hu flimkien ma' l-attur kien xoghol patrol fl-inhawi. Hu kien qed isuq qablu ghalhekk ma rax l-incident. Dar lura meta gie nfurmat b'dan u ra l-mutur ma l-art u lil attur jigi medikat.

Gew esebiti ukoll set ritratti **PS 36 Sergio Azzopardi** tal-vettura Isuzu dok. SA1[21].

**L-Ispettur Antonovich Muscat** ikkonferma t-test li ghamel fuq l-konvenut gewwa d-Depot li ta' rizultat ukoll pozittiv.[22]

**Illi ezaminati dawn il-fatti esposti l-Qorti hija tal-fehma soda illi l-incident de quo kien unikament tort tal-konvenut Joseph Zammit.** Il-konvenut jinnega li hu hareg minn Hal Luqa pero kemm l-attur kif ukoll ix-xhud terz indipendenti mis-sinistru in ezami, Patrick Fenech, iqeghdu lil konvenut fil-post ta' l-istess incident. Anzi l-istess Fenech sahansitra ha n-numru ta' l-istess vann u ghaddieh lil pulizija. Oltre hekk ghalkemm il-konvenut jikkontesta l-hsarat u

[17] Fol.54
[18] Fol.58
[19] Fol. 67 Dok. AAS
[20] Fol.56
[21] Fol 157
[22] Fol. 85 u 86

jghid li dawn aktarx kienu sarulu waqt li kien ipparkjat gewwa Bugibba, dawn certament jibqaw kompatibbli ma l-istess habta. Il-konvenut jinnega ukoll li hu kien xorob il-*whisky* darba li kien Bugibba nonostante li *a tempo vergine* kien qal dan lil pulizija u gie anke hekk imnizzel fir-rapport taghhom. Pero nonostante dan naqas illi jikkontesta dan il-fatt mal-pulizija fiz-zmien opportun alavolja kellu kopja tar-rapport imsemmi f'idejh. Tqis il-Qorti li fill-fatt dak li xehed il-konvenut u ohtu dwar il-hin tal-konsum tal-*whiskey* huwa ghal kollox inveritjier. Lanqas ma huma kompatibbli l-hinijiet kif deposti mill-konvenut, li fil-fatt jaghmlu aktar sens favur il-fatt li hu dam izjed Bugibba (jew x'imkien iehor) milli l-kwarta li skontu ha biex ihaddem il-*freezers*. Jekk telaq wara l-ahbarijiet tat-tmienja kien tardiv ir-ritorn tieghu versu il-hdax (nieqes ghaxra) lejn daru.

**Konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Zammit, u wkoll sa fejn kompatibbli ma dan appena premess qed tigi michuda dik il-parti hekk relatata tar-raba' eccezzjoni tas-socjeta' assikuratrici.**

**<u>Stabbilta' din ir-responsabilta' l-Qorti se tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni naxxenti.</u>**

l-attur jixhed[23] illi wara l-incident huwa kien mizmum l-isptar ghal madwar gimghatejn. Spjega li wara li gie rilaxxat stante l-griehi sofferti ma setghax ikompli xogholu mal-korp bl-uzu tal-mutur tas-servizz. Ghalhekk gie kostrett illi jaghmel sitt (6) xhur barra mill-korp bejn l-21 ta' Dicembru,2007 sal- 15 ta' Gunju, 2008. Jghid li hawn kien jithallas il-paga bazika tieghu, ghax wegga waqt il-qadi ta' xogholu, pero tilef l-*allowances* tal-hdud u l-festi ammontanti ghal **€1,368.73**, skont **Dok AZM1**[24] minnu esebit.

[23] Affidavit a folio 28
[24] Fol. 29

*Viva voce* xehed li ma kienx ghadu jaghmel parti mill-Korp tal-Pulizija sa mit-13 ta' Mejju, 2013. Issa kien jahdem bhala *cab driver*, b'paga minima. Jahdem mas-*Supreme Travel*. Qal li *overtime* ma kienx jaghmel.

Xehed ukoll illi kien dahal fil-korp fis-sena 1994 meta kellu sbatax-il sena.

Qal ukoll li hu kien ghamel zmien sospiz mill-pulizija ghalhekk kien jircievi nofs il-paga. Qal li kien anke gie moghti permess mill-Kummissarju li jaghmel xoghol *part time.*

Esebixxa wkoll id-**dokument IG2**[25], rapport mahrug mill-konsulent ortopediku tieghu Mr F.Zammit Maempel li stabillixxa debilita' permanenti ta' 8%. Jghid li ghal dan hallas l-ammont globali ta' **€235, dok AZM2-AMZ6**[26]

Esebixxa wkoll ricevuti ta' spejjez ta' fisioterapija nkorsi minhabba l-griehi sostnuti, **dok AZM7-AZM9**[27].

Id-dokument **AZM**10[28] prezz ta' arlogg rimpjazzat minnu, *"..tal-istess tip minghand l-istess stabbiliment.."*[29] stante li tieghu skontu inkiser b'mod irriparabbli fl-incident.

L-attur esebixxa wkoll id-dokumenti **AZM12, AZM 13-17**[30] li juri d-dhul tieghu fis-sena bazi 2005-2006 u 2008-2010.

Ian Grech fi zmien ta' l-incident kellu tlieta u tlettin (33) sena, **vide dok AZM11**[31].

**Simon Agius**[32] esebixxa **dokumenti FS3**[33] li juru l-hlas li kien jircievi Ian Grech bhala paga nkluz meta jkun *duty* il-hdud, festi pubblici *overtime*

[25] Fol.10
[26] Fol 32-36, **inkluzi f'dawn hemm ukoll spejjez ta l-konsulent mediku iehor tieghu Mr. Sciberras li kien jara l-attur ukoll fil-bidu minhabba griehi sofferti fl-incident in ezami**.
[27] Fol. 37-39
[28] Fol..40-42
[29] Fol. 28
[30] Fol. 44-47
[31] Karta ta' l-identita' folio 43.
[32] Fol.123C

*allowances*. Xehed ukoll lic-cifra li kien jircievi l-istess attur qatt ma kienet tkun wahda l-istess imma kienet dipendenti fuq il-hdud u festi pubblici mahduma. Jirrizulta ukoll mid-dokument SA[34] esebit mill-istess xhud illi dana fil-fatt kien gie *"dismissed"*[35] mill-korp fit-12 ta' Awwissu 2013.

**David Debono** ghan nom tas-socjeta' assikuratrici konvenuta qal li l-istess halset d-danni li garrab il-mutur tas-servizz: D**ok. DD1-DD4**[36].

Dwar il-griehi sofferti mill-attur **Mr Frederick Zammit Maempel**[37] iddeskriva li l-attur kienet saritlu operazzjoni fl-irkoppa ukoll li eventwalment kien se jkollu bzonn *knee replacement* anke ghaliex minhabba l-piz tieghu l-hsara tkun aktar mghaggla. Xehed ukoll li l-kundizzjoni tieghu kienet wahda li ma setax jfieq minnha.

Dwar ic-certifikat minnu rilaxxat[38] qal li darba li kiteb biss disabilta' minghajr il-kelma permanenti warajha allura kien qed jifhem illi ma kienx qed jirreferi ghal wahda permanenti. Stabilixxa percentagg ta' **8%.**

Da parti ta' l-espert nominat minn din il-Qorti **Mr Massimo Abela** dan ikkonkluda is-segwenti;

*"**Evalwazzjoni tar-Rata ta' Dizabilita' Permanenti***

*Ir-rata ta' dizabilita' hija evalwata b'referenza ghall-kotba;*

- *Emendi fil-ligi dwar Danni Civili mahrug mill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern (2010)*

---

[33] Fol. 129-156
[34] Fol 129
[35] Ibid.
[36] Fol. 124-128
[37] Fol.104
[38] Fol 10, dok. IG2

- *Guides to the Evaluation of Permanent Impairment – American Medical Asociation.*

***Ir-rata ta' dizabilta' ta' Ian Grech tammonta ghal 2%."***[39]

Ikkonsidrat.

Illi l-Qorti se tghaddi biex taghmel taghha l-konkluzzjoni peritali u dana anke wara li hadet in konsiderazzjoni l-gurisprudenza nostrana fuq hekk li zvillupat il-linja illi;

*"Jinghad in tema illi "l-opinjoni espressa minn perit jew periti nominati mill-Qorti hi dejjem parir u, kif jiddisponi espressament l-Artikolu 681 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha." ("***Constantino Gauci -vs- Annunziato Scerri et***", Appell Civili, 15 ta' Mejju 1967). B' danakollu, issokta jigi pprecizat ukoll illi dawk il-konkluzjonijiet peritali ma ghandhomx jigu facilment skartati jekk fil-kumpless ma jkunux irragonevoli ("***Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967) u ma jkunux ingiebu ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika ("***Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998);*

*Minn dawn id-decizjonijiet u dawk l-ohra li jitrattaw ukoll fuq il-portata tal-konkluzjonijiet peritali jitnissel li l-perizja hi fonti oggettiva ta' prova in kwantu ghall-accertament ta' sitwazzjoni ta' fatt li ma jkunux rilevabbli hlief bir-rikors*

*ghal konjizzjoni teknika determinata; fil-fattispeci, id-difetti fil-granit. Forsi jista' jizdied illi aktar minn mezz ta' prova l perizja hi strument ta' valutazzjoni taht il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant;*

[39] Fol. 100

*Premess dan, opportunement il-Qorti thoss li ghandha tuniforma ruhha ghall-parir ta' l-espert taghha, kemm ghaliex hi ma ghandhiex l-formazzjoni necessarja tan-natura teknika tal-materja, kif ukoll ghar-raguni illi l esposizzjoni tal-motivazzjoni dedotta fir-relazzjoni ghandha forza perswasiva u konvincenti u din bl-ebda mod ma giet skossa b' ragunijiet li gravement iqeghdu fid-dubbju dik l-istess motivazzjoni u opinjoni teknika;'*[40]

Dwar id-danni il-ligi taghna tahseb ghal dawk rizultanti bhala *damnum emergens*, cioe dawk ta' effett immedjat u dirett ta' l-incident u dawk li jirrigwardaw telf ta' qliegh futur, imsejha *lucrum cessans.*

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi –

***"1045.** (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

F'decizzjoni ricenti fl-ismijiet **Spiridione Zammit vs Mario Bonello ntament (30 ta' Marzu 2017)**[41] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza

[40] Appell Civili 10/01/2007 fl-ismijiet **Paul Cutajar vs Bugeja Marbels Ltd. 3/2005**
[41] Rik Gur 836/01LSO

matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks"*** *P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-*

*inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja*

*lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[42]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[43].*

[42] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[43] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

*Illi minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizulta li l-multiplier adoperat kien varja u kien ta':-*

*- 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004;*

*- 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967;*

*- 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29- Ott-1970;*

*- 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1- Ott-1982;*

*- 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15- Sett-1999;*

*- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991;*

*- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980;*

*- 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004;*

*- 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17* **Turner vs Agius** *App Civ Sup 28-Nov- 2003;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26* **Grima vs Penza** *PA 30-Gun- 2004;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena* **Zammit vs Zahra** *PA 20-Jan-2005;*

*- 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena* **Sammut vs Zammit** *App Civ Sup 3- Dic-2004;*

*- 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena* **Mizzi vs Azzopardi** *PA 16-Dic-2004.*

*Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara* **Bugeja vs Agius** *fuq imsemmija] proprju minnhabba l-kontingenzi tal-hajja (chances and changes of life).*

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkun ghadda zmien qasir mill-avveniment dannuz u s-sentenza finali (***Scicluna vs Meilaq** *PA 16 ta' Lulju, 2001).*

*Fil-kawza fl-ismijiet "***Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe***." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

Esposti dawn l-insernjamenti gurisprudenzjali ghal dak li jirrigwarda d-***damnum emergens*** rizultanti mill-incident in ezami jirrizulta illi s-socjeta' assikuratrici konvenuta halset l-ispejjez inkorsi fir-rigward tal-mutur tas-servizz misjuq mill-attur. **Konsegwentement il-Qorti rastjeni illi tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel ecezzjoni taghha.**

Konsegwenza diretta ta' l-incident l-attur sofra telf ta' arlogg ghal ammont ta' **€350.**

Hallas il-konsulenti medici tieghu l-ammont ta' **€235**.

Inkorra spejjez ta' fisioterapija u trattamenti relatati ghall-ammont ta' **€272.**

**Ghalhekk l-ammont globali ta' danni sofferti mill-attur immedjatament ma' l-incident u kawza immedjata tieghu, ghalhekk id-dannu emergenti, huma fis-somma ta' tmien mija u sebgha u hamsin ewro, €857.00**

**Comment [d1]:** U b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2018 qed jigi mizjud l-ammont ta' elf tlett mija tmienja u sittin euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,368.73) bhala damnum emergens.

Ghal dak li hu ***Lucrum Cessans:***

Dwar il- **persentagg ta' dizabilita'** l-Qorti wara li kkunsidrat il-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-espert mediku *ex parte* u ta' dak imqabbad minnha, tqies li l-**persentagg applikabbli ghal kaz in ezami huwa ta' 2%** kif gie stabbilit minn Mr Massimo Abela.

Dwar il-*multiplier*, minn numru tal-karta tal-identita' tal-attur jirrizulta li huwa twieled fl-1974, ghalhekk fid-data tas-sinistru kellu **tlieta u tlettin (33) sena.** Kif inghad, il-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vitma tkun garrbet il-griehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. Il-Qorti tqis li l-*multiplier* idoneju applikabbli huwa dak ta' ghoxrin **(20) sena**, tenut kont tal-età ta' l-attur fi zmien ta' l-incident, tal-*working life expectancy* tieghu, ix-xenarju fejn il-*life expectancy* tal-Maltin gholiet sostanzjalment, liema *multiplier* qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

Dwar is-salarju l-attur xehed li minhabba l-incident u l-griehi konsegwenti ghamel sitt xhur barra mill-korp, (21/12/2007 sa 15/06/2008). Ghalhekk

ghalkemm ircieva l-paga basika li kellu mal-korp, tilef **f'sitt xhur** l-ammont ta' **€1368.73** li kieku rcieva bhala *allowances* u hdud u festi mahduma. Jixhed ukoll illi meta sar l-incident kellu paga ta' €16,425.83 annwali inkluzi f'dan *allowances* u *overtime*. Issa kif xehed Agius jirrizulta li l-pulizija allura l-attur kien jithallas *overtime* u *allowances* skont l-festi pubblici u hdud mahduma, **ghalhekk dan ma kienx fiss.** Esebixxa FS3s ta' varji snin ta' dak percepit mill-attur mill-Korp, ghas-snin 2008, 2009, u 2010, 2011, 2012[44].

Maghduda l-paga li l-attur kien jircievi mill-incident, (sena 2007) sas-sena 2012, inkluz l-*allowances* u festi u hdud, il-medja tieghu tasal ghal ammont annwali ta' **€19,999.652**. Pero l-Qorti b'sens ta' ekwita' lejn id-debitur tieghu l-konvenut, minhabba ghal fatt illi kif jidher ben car mill-FS3s esebiti kemm mill-Korp kif ukoll mill-istess attur hemm varjanza kbira bejn paga annwali u ohra f'medda ta' hames snin, qeghda taggusta ghall-ammont ta' **€16,500.00**[45]

**Ghalhekk tqis lil *lucrum cessans* dovut ghandu jkun mahdum hekk:**
**€16,500.00 x 20 x 2% -20% = €5280 ma liema somma trid tigi maghduda is-somma ta' €857.00 stabbilta' bahla damnun emergens, allura globalment l-attur huwa dovut l-ammont ta' sitt t'elef mija sebgha u tlettin elf ewro €6,137.00**

**Ghaldaqstant taqta u tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attur u tiddikjara li Joseph Zammit kien unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' dawn il-proceduri u ghad-danni kollha li konsegwenza ta' l-incident garrab ir-rikorrenti Ian Grech.**

**Comment [d2]:** U b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2018 qed jigi mizjud l-ammont ta' elf tlett mija tmienja u sittin euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,368.73).

**Comment [d3]:** Dan l-ammont gie korrett ghal sebat'elef , hames mija u hames euro u tlieta u sebghin centezmu (€7,505.73 somma hekk kif korretta b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018.

---

[44] Folios 132 sa 136. **Ghandu ukoll jinghad illi ma jidhru ebda allowances u hdud u festi mahduma fis-snin 2011 u 2012.**

[45] **Ammont aktar in sintonija ma l-ahhar paga minnu percepita minn mal-Korp.**

**Tillikwida d-danni kollha a favur ir-rikorrenti Ian Grech fl-ammont ta' sitt t'elef mija sebgha u tlettin elf ewro €6,137.00**

**Tikkunndana lil intimat Joseph Zammit u lis-socjeta' intimata Montaldo Insurance Agency Limited noe fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH-045, liema vettura kienet qed tinstaq mill-istess Joseph Zammit, sabiex ihallsu solidament bejniethom lil Ian Grech is-somma ta' sitt t'elef mija sebgha u tlettin elf ewro €6,137.00 bhala danni likwidati.**

**Konsegwentement qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Joseph Zammit.**

**Tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konveuta Montalto Agency Limited bhala agent tas-socjeta' estera AIG Europe Limited u tichad fil-kumplament l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta msemmija.**

**Bl-ispejjez indikati u bl-imghax legali.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Deputat Registratur**



**Comment [d4]:** Dan l-ammont gie korrett ghal sebat'elef , hames mija u hames euro u tlieta u sebghin centezmu (€7,505.73 somma hekk kif korretta b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018.

**Comment [d5]:** Dan l-ammont gie korrett ghal sebat'elef , hames mija u hames euro u tlieta u sebghin centezmu (€7,505.73 somma hekk kif korretta b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018.